Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 15,909, 22 ta' Marzu, 1994
Taqsima B

A.L. 37 ta' l-1994

ATT TA' L-1993 DWAR IT-TAXXA FUQ DOKUMENTI U TRASFERIMENTI (ATT NRU. XVII TA' L-1993)

Ordni ta' l-1994 dwar Eżenzjoni mit-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti dwar Trasferiment ta' Titoli fil-Borża ta' Malta

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikolu 23 ta' l-Att ta' l-1993 dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti, il-Ministru tal-Finanzi ordna li t-trasferiment ta' titoli fil-Borża ta' Malta għandha tkun ħielsa mit-taxxa b'seħħ, skond kif japplika, mid-dati msemmija fl-artikolu 1 ta' dak l-Att.